SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

8 ta' Diċembru 2011 *

Fil-Kawża C-272/09 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2009,

KME Germany AG, li kienet KM Europa Metal AG, stabbilita f'Osnabrück (il-Ġermanja),

KME France SAS, li kienet Tréfimétaux SA, stabbilita f'Courbevoie (Franza),

KME Italy SpA, li kienet Europa Metalli SpA, stabbilita f'Firenze (l-Italja),

irrappreżentati minn M. Siragusa, avukat, A. Winckler, avukat, G. C. Rizza, avukat, T. Graf, avukat, u M. Piergiovanni, avukat,

appellanti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn E. Gippini Fournier u J. Bourke, bħala aġenti, assistiti minn C. Thomas, solicitor, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas (Relatur), U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Frar 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom KME Germany AG, li kienet KM Europa Metal AG, KME France SAS, li kienet Tréfimétaux SA, u KME Italy SpA, li kienet Europa Metalli SpA (iktar 'il quddiem, flimkien, "KME"), jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-Qorti Ġenerali), tas-6 ta' Mejju 2009, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (T-127/04, Ġabra p. II-1167, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha din ċaħdet it-talba tagħhom għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multi imposti fuqhom skont l-Artikolu 2(c) sa (e) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2003) 4820 finali, tas-16 ta' Diċembru 2003, dwar proċedimenti skont l-Artikolu 81(KE) u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/E-1/38.240 — Pajpijiet industrijali) (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, L-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli (81) u (82) tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), kien jipprovdi:

"Il-Kummissjoni tista' permess ta' deċiżjoni timponi fuq l-impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi multi minn 1000 sa 1000000 unita' ta' rendikont, jew somma li taqbeż dan

iżda li ma taqbiżx 10 % tat-turnover fis-sena ta' negozju preċedenti ta' kull impriża li tkun qed tipparteċipa fil-ksur fejn, jew intenzjonalment jew b' negliġenza:

a) dawn jiksru l-Artikolu (81)(1) (KE) jew l-Artikolu (82 KE), jew

b) dawn jikkommettu ksur ta' obligazzjoni imposta skond l-Artikolu 8(1).

Fl-iffissar ta' l-ammont tal-multa, għandhom jiġu kkonsidrati kemm il-gravita kif ukoll id-dewmien tal-ksur."

3 L-Artikolu 17 tar-Regolament 17 kien jipprovdi:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni illimitata fit-tifsira ta' l-Artikolu [229 KE] li tirrevedi deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni tkun iffissat multa jew pagament ta' penalita perjodiku; din tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagament ta' penalita perjodiku impost."

4 Ir-Regolament 17 ġie abrogat u ssostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) applikabbli mill-1 ta' Mejju 2004. L-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament huwa ekwivalenti għall-Artikolu 17 tar-Regolament 17.

5 L-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi mposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171), iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida"), applikabbli meta ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, fil-preambolu tiegħu, jistabbilixxi:

"Il-prinċipji indikati [mil-linji gwida] għandhom jiżguraw t-trasparenza u l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, f'għajnejn kemm ta' l-impriżi kif ukoll tal-Qorti tal-Ġustizzja, waqt li tinżamm id-diskrezzjoni li hi mogħtija lill-Kummissjoni skond il-leġislazzjoni rilevanti biex tistabbilixxi multi fil-limitu ta' 10 % tal-valur tal-bejgħ totali. Din id-diskrezzjoni għandha, mandankollu, issegwi politika koerenti u mhux diskriminatorja li hi konsistenti ma' l-għanijiet segwiti fil-penalizazzjoni tal-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Il-metodu l-ġdid li jistabbilixxi l-ammont ta' multa għandu jkun ibbażat fuq ir-regoli li ġejjin, li jibdew minn ammont bażiku li jiżdied biex jieħdu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi aggravanti jew imnaqqsa biex jieħdu f'kunsiderazzjoni ċirkustanzi li jiskużaw il-gravità [attenwanti]."

6 Skont il-punt 1 tal-Linji Gwida "[dan] l-ammont bażiku tal-multa għandu jiġi ddeterminat skont il-gravità u t-tul tal-ksur, li huma l-uniċi kriterji msemmija fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 [traduzzjoni mhux uffiċjali]."

7 F'dak li jikkonċerna l-gravità, il-punt 1 A tal-Linji Gwida jipprovdi li l-evalwazzjoni tal-kriterju ta' gravità tal-ksur għandha tieħu inkunsiderazzjoni n-natura proprja tal-ksur, l-impatt reali fuq is-suq meta jkun kalkolabbli u l-estensjoni tas-suq ġeografiku kkonċernat. Il-ksur huwa kklassifikat taħt tliet kategoriji, ksur minuri, ksur serju u ksur serju ħafna.

8 Skont il-Linji Gwida, il-ksur serju ħafna huwa b'mod partikolari r-restrizzjonijiet orizzontali tat-tip "kartell tal-prezzijiet" u kwoti ta' tqassim tas-swieq. L-ammont bażiku tal-multa possibbli huwa ta' "aktar minn [EUR]20 miljun". Il-Linji Gwida juru n-neċessità li dan l-ammont bażiku jiġi ddifferenzjat sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni

n-natura tal-ksur imwettaq, il-kapaċità ekonomika effettiva tal-awturi tal-ksur li joħolqu dannu sostanzjali lill-operaturi l-oħra, b'mod partikolari lill-konsumaturi, l-effett disswaživ tal-multa kif ukoll l-għarfien u l-infrastrutturi legali-ekonomiċi tal-impriżi li jippermettulhom li jevalwaw in-natura illegali tal-aġir tagħhom. Huwa ppreċiżat ukoll li fil-każ ta' ksur li jinvolvi diversi impriżi, jista' jkun jaqbel li jittieħed inkunsiderazzjoni l-piż speċifiku, u għalhekk l-impatt reali, tal-aġir illegali ta' kull impriża fuq il-kompetizzjoni, b'mod partikolari meta tkun teżisti differenza kunsiderevoli fid-daqs tal-impriżi awturi ta' ksur tal-istess natura.

9 F'dak li jikkonċerna t-tul tal-ksur, il-Linji Gwida jiddistingwu l-ksur għal tul qasir, b'mod ġenerali ta' inqas minn sena, u l-ksur għal tul medju, b'mod ġenerali ta' bejn sena u ħames snin u l-ksur għal żmien twil, b'mod ġenerali ta' iktar minn ħames snin. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, huwa previst ammont addizzjonali tal-multa li jista' jiġi stabbilit għal kull sena għal 10 % tal-ammont stabbilit għall-gravità tal-ksur. Il-Linji Gwida jipprovdu wkoll tkabbir fiż-żieda għall-ksur għal żmien twil, sabiex jiġu realment issanzjonati r-restrizzjonijiet li jkunu pproduċew għal żmien twil l-effetti dannuži tagħhom fil-konfronti tal-konsumaturi u sabiex tiżdied l-inċentiva sabiex jinkixef il-ksur jew għall-kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

10 Skont il-punt 2 tal-Linji Gwida, l-ammont bażiku tal-multa jista' jiżdied fil-każ ta' ċirkustanzi aggravanti bħal, b'mod partikolari, il-ksur ripetut tal-istess impriża jew tal-istess impriži għal ksur tal-istess tip. Skont il-punt 3 tal-imsemmija Linji Gwida, dan l-ammont bażiku jista' jitnaqqas f'każ ta' ċirkustanzi attenwanti partikolari bħar-rwol esklużivament passiv jew emulattiv ta' impriża fit-twettiq tal-ksur, in-nuqqas ta' implementazzjoni fil-prattika tal-ftehim jew il-kooperazzjoni effettiva mill-impriża fil-proċeduri, barra mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni jew it-tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' akkordji (ĠU 1996, C 207, p. 4, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni").

11 Il-Linji Gwida ġew sostitwiti, mill-1 ta' Settembru 2006, bil-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

12 Il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li fihom l-impriżi li jikkooperaw mal-Kummissjoni matul investigazzjoni tagħha dwar akkordju jkunu jistgħu jiġi eżentati minn multi jew jibbenefikaw minn tnaqqis tal-multa li kieku kien ikollhom iħallsu. Skont it-Titolu B ta' din il-komunikazzjoni, tibbenefika minn tnaqqis tal-inqas ta' 75 % tal-ammont tal-multa jew minn nuqqas ta' impożizzjoni totali ta' multa b'mod partikolari l-impriża li tgħarraf lill-Kummissjoni bl-akkordju qabel ma din tagħmel verifika u mingħajr ma jkollha informazzjoni biżżejjed sabiex tagħti prova tal-eżistenza tal-akkordju mikxuf jew li tkun l-ewwel waħda li tipprovdi provi determinanti sabiex tiġi pprovata l-eżistenza ta' dan l-akkordju. Skont it-Titolu D tal-imsemmija komunikazzjoni, impriża tista' tibbenefika minn tnaqqis ta' bejn 10 % sa 50 % tal-ammont tal-multa b'mod partikolari meta, qabel ma tintbagħat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, din tkun ipprovdiet lill-Kummissjoni informazzjoni, dokumenti jew provi oħra li jikkontribwixxu sabiex jikkonfermaw l-eżistenza tal-ksur imwettaq.

13 Il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni ġiet issostitwita mill-14 ta' Frar 2002 permezz tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell [akkordji] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155). Il-Kummissjoni madankollu f'dan il-każ applikat il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni, peress li l-impriżi ħadu inkunsiderazzjoni din il-komunikazzjoni meta kkollaboraw magħha.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

14 Flimkien ma' impriżi oħra, jiġifieri Wieland Werke AG kif ukoll Outokumpu Oyj u Outokumpu Copper Products Oy (iktar 'il quddiem, flimkien, "Outokumpu"),

produtturi ta' prodotti semi-manifatturati tar-ram u ta' liegi tar-ram, l-appellanti pparteċipaw għal akkordju intiż għall-iffissar tal-prezzijiet u sabiex jaqsmu bejniethom is-swieq fis-settur tal-pajpijiet industrijali, b'mod iktar partikolari l-pajpijiet tar-ram ittemprati jew ikkoljati.

15 Wara verifiki u investigazzjonijiet, fis-16 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni, adottat id-deċiżjoni kkontestata, li sommarju tagħha huwa ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-28 ta' April 2004 (ĠU L 125, p. 50).

16 Għal dan l-appell, il-punti rilevanti fejn il-Qorti Ġenerali għamlet sinteżi tal-parti tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-kalkolu tal-multa huma dawn li ġejjin:

"11 Fl-ewwel lok, rigward l-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ksur, li sostanzjalment kien jikkonsisti fl-iffissar tal-prezzijiet u fit-tqassim tas-swieq, kien minnu nnifsu, ksur serju ħafna (premessa 294 tad-Deċiżjoni kkontestata).

12 Sabiex tiddetermina l-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet ukoll inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kartell kien affettwa t-territorju kollu taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (premessa 316 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni barra minn hekk eżaminat l-effetti reali tal-ksur u kkonstatat li l-akkordju kien "globalment, ipproduċa effetti fuq is-suq (premessa 314 tad-Deċiżjoni kkontestata).

[...]

14 Fl-aħħar nett, dejjem fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li s-suq tat-tubi industrijali tar-ram kien jikkostitwixxi settur importanti, li l-valur tiegħu ġie stmat għal EUR 288 miljun f'dak li jikkonċerna ż-ŻEE (premessa 318 tad-deċiżjoni kkontestata).

15. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ksur inkwistjoni kellu jkun ikkunsidrat bħala serju ħafna (premessa 320 tad-deċiżjoni kkontestata).

[...]

19 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni kklassifikat id-dewmien tal-ksur, li dam mit-3 ta' Mejju 1988 sat-22 ta' Marzu 2001, bħala 'tw'il. Il-Kummissjoni għalhekk iġġudikat xieraq li żżid b'10 % għal kull sena ta' parteċipazzjoni fil-kartell l-ammont inizjali tal-multi imposti fuq l-impriżi kkonċernati. [...]

[...]

21 Fis-sitt lok, fir-rigward ta' ċirkustanzi attenwanti, il-Kummissjoni rrilevat li, mingħajr il-kooperazzjoni ta' Outokumpu, hija setgħet tistabilixxi l-eżistenza tal-komportament li jikkostitwixxi ksur biss għal perijodu ta' erba' snin u għalhekk naqqset l-ammont bażiku tal-multa tagħha bi EUR 22.22 miljun, b'mod li l-ammont bażiku jikkorrispondi għall-multa li kieku kienet tkun imposta fuqha għal dan il-perijodu (premessa 386 tad-Deċiżjoni kkontestata).

22 Fis-seba' u l-aħħar lok, il-Kummissjoni, bis-saħħa tat-Titolu D tal-Avviż tal-1996 dwar il-kooperazzjoni, naqqset l-ammont tal-multi b'50 % għal Outokumpu, b'20 % għal Wieland [Werke AG], u bi 30 % għal [...] KME (premessi 402, 408 u 423 tad-Deċiżjoni kkontestata)."

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

17 L-appellanti jinvokaw ħames motivi, kollha relatati mal-iffissar tal-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqhom. Huma bbażati, rispettivament, fuq teħid inkunsiderazzjoni inadegwat tal-impatt reali tal-akkordju għall-kalkolu tal-ammont

inizjali tal-multa, ta' evalwazzjoni inadegwata tad-daqs tas-settur affettwat mill-ksur, ta' żieda żbaljata tal-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul tal-ksur, tan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ammont tal-multa skont il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni.

18 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet kull wieħed minn dawn il-motivi u r-rikors fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

19 Permezz tal-appell tagħha, KME titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— sa fejn huwa possibbli fir-rigward tal-fatti esposti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata u tnaqqas il-multa imposta fuqha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll għal dawk quddiem il-Qorti Ġenerali, jew

— sussidjarjament, tannulla s-sentenza appellata, inkluż sa fejn tikkonċerna l-kundanna tagħha għall-ispejjeż mill-Qorti Ġenerali, u tirrinvija l-kawża quddiemha.

20 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell tagħha, u

— tikkundanna lil KME għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

21 KME tqajjem ħames aggravvji, ibbażati, rispettivament, fuq diversi żbalji ta' liġi relatati mal-impatt tal-ksur fuq is-suq, it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul mill-bejgħ, it-tul tal-ksur kif ukoll il-kooperazzjoni tal-appellanti u, fl-aħħar nett, il-ksur tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi relatai mal-impatt tal-ksur fuq is-suq

L-argumenti tal-partijiet

22 L-appellanti jindikaw li l-ewwel aggravju jirreferi għall-punti 60 sa 74 tas-sentenza appellata. Dawn il-punti huma ppreċeduti minn sintesi tal-argumenti tal-partijiet u minn teħid ta' pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà ta' żewġ rapporti ekonomiċi ġodda prodotti mill-appellanti sabiex juru n-nuqqas ta' impatt reali tal-ksur fuq is-suq, fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, għall-ammissibbiltà tal-imsemmija rapporti.

23 Il-punti 60 sa 74 tas-sentenza appellata jipprovdu kif ġej:

"60 Rigward il-fondatezza ta' dan il-motiv, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti jikkontestaw, permezz tiegħu, kemm l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, tal-gravità tal-ksur [...] kif ukoll it-trattament differenzjat li għamlet din tal-aħħar abbażi tal-ishma mis-suq tal-impriżi kkonċernati [...].

61 Qabel kollox, fir-rigward tat-trattament differenzjat tal-impriżi inkwistjoni, il-motivazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata dwar dan tirreferi b'mod partikolari għal ħsieb li jittieħed inkunsiderazzjoni l-'piż speċifiku ta' kull impriża, u għaldaqstant tal-effett reali tal-komportament illegali tagħha fuq il-kompetizzjoni' [traduzzjoni mhux uffiċjali] (premessa 322 tad-Deċiżjoni kkontestata). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, anki fin-nuqqas ta' prova ta' effett reali tal-ksur fuq is-suq, il-Kummissjoni għandha dritt tagħmel trattament differenzjat, skont l-ishma miżmuma fis-suq ikkonċernat, bħal dak imsemmi fil-premessi 326 sa 329 tad-Deċiżjoni kkontestata.

62 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta li s-sehem mis-suq ta' kull waħda mill-impriżi kkonċernati fis-suq li kien is-suġġett ta' prattika restrittiva jikkostitwixxi element oġġettiv li jikkwantifika b'mod tajjeb ir-responsabbiltà ta' kull waħda minnhom f'dak li jikkonċerna d-dannu potenzjali tal-imsemmija prattika fir-rigward tal-andament normali tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-29 ta' April 2004, Tokai Carbon *et* vs Il-Kummissjoni, T-236/01, T-239/01, T-244/01 sa T-246/01, T-251/01 u T-252/01, Ġabra p. II-1181, punt 197).

63 Bl-istess mod, rigward l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, għandu wkoll jiġi rrilevat li, anki jekk il-Kummissjoni ma kinitx ippruvat li l-akkordju kellu impatt reali fuq is-suq, dan ma kellux effett fuq il-klassifikazzjoni tal-ksur bħala 'serju ħafna' u għaldaqstant fuq l-ammont tal-multa.

64 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li jirriżulta mis-sistema Komunitarja tas-sanzjonijiet għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, kif stabbilita bir-Regolament Nru 17 u interpretata mill-ġurisprudenza, li l-akkordji jistħoqqilhom, minħabba n-natura tagħhom, il-multi l-iktar iebsin. L-eventwali impatt reali tagħhom fuq is-suq, b'mod partikolari l-kwistjoni sa fejn ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni wasslet għal prezz tas-suq għola minn dak li kien jipprevali fil-każ tan-nuqqas tal-kartell, mhuwiex kriterju determinanti sabiex jiġi stabbilit il-livell tal-multi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique diffusion française et vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punti 120 u 129; tas-17 ta' Lulju 1997, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni C-219/95 P, Ġabra p. I-4411, punt 33; tas-16 ta' Novembru 2000, Stora Kopparbergs Bergslags vs Il-Kummissjoni, C-286/98 P, Ġabra p. I-9925, punti 68 sa 77, u tal-25 ta' Jannar 2007, Dalmine vs Il-Kummissjoni, P, Ġabra p. I-829, punti 129 u 130; is-sentenza Tokai Carbon et vs Il-Kummissjoni, punt 62 iktar 'il fuq, punt 225, ara, ukoll, il-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2000, Mo och Domsjö vs Il-Kummissjoni, C-283/98 P, Ġabra p. I-9855, I-9858, punti 95 sa 101).

65 Għandu jingħad li mil-Linji gwida jirriżulta li l-ftehim jew il-prattiki miftehma intiżi b'mod partikolari, bħal f'dan il-każ, sabiex jiffissaw il-prezzijiet u għat-tqassim tal-klijentela jistgħu jiġu kklassifikati, abbażi tan-natura tagħhom stess, bħala 'serji ħafna', mingħajr mhuwa neċessarju li tali komportamenti jkunu kkaratterizzati minn impatt jew daqs ġeografiku partikolari. Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-fatt li, filwaqt li d-deskrizzjoni tal-ksur 'serju' tirreferi espliċitament għall-impatt fuq is-suq u għall-effetti fuq żoni wiesgħa tas-suq komuni, dik ta' ksur 'serju ħafna', min-naħa l-oħra, ma ssemmi l-ebda rekwiżit ta' impatt reali fuq is-suq u lanqas ta' effetti fuq żona ġeografika partikolari (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Ottubru 2005, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, T-38/02, Ġabra p. II-4407, punt 150).

66 Għal finijiet ta' kompletezza, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li l-Kummissjoni ppruvat suffiċjentement skont il-liġi impatt reali tal-akkordju fuq is-suq kkonċernat.

67 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-premessa tar-rikorrenti, li l-Kummissjoni, fil-każ li hija tinvoka impatt reali tal-akkordju sabiex tiffissa l-ammont tal-multa, tkun meħtieġa turi b'mod xjentifiku l-eżistenza ta' effett ekonomiku tanġibbli fuq is-suq u rabta kawżali bejn l-impatt u l-ksur, kienet ġiet miċħuda mill-ġurisprudenza.

68 Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet li l-impatt reali ta' akkordju fuq is-suq għandu jitqies bħala suffiċjentement ippruvat jekk il-Kummissjoni hija f'pożizzjoni li tagħti provi konkreti u kredibbli li jindikaw, bi probabbiltà raġonevoli, li l-akkordju kellu impatt fuq is-suq (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, punt 36 iktar 'il fuq, punt 122, tas-27 ta' Settembru 2006, Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, T-59/02, Ġabra p. II-3627, punti 159 sa 161; Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, Ġabra p. II-3435, punti 153 sa 155; Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, T-329/01, Ġabra p. II-3255, punti 176 sa 178; Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, Ġabra p. II-3137, punti 73 sa 75).

69 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma kkontestawx il-materjalità tal-fatti, imsemmija fil-punt 13 iktar 'il fuq, li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha sabiex tiddikjara l-eżistenza ta' impatt reali tal-akkordju fuq is-suq, jiġifieri l-fatt li l-prezzijiet tnaqqsu fil-perijodu meta l-akkordju kollużiv ma ġiex osservat ħafna u żdiedu sewwa f'perijodi oħra, l-implementazzjoni ta' sistema ta' skambju ta' data dwar il-volumi ta' bejgħ u l-livelli tal-prezzijiet, is-sehem mis-suq sinjifikanti li l-membri kollha tal-akkordju kellhom u l-fatt li l-ishma mis-suq rispettivi tal-parteċipanti fl-akkordju baqgħu relattivament stabbli matul id-dewmien kollu tal-ksur. Ir-rikorrenti sostnew biss li l-imsemmija fatti ma setgħux juru li l-ksur inkwistjoni kellu impatt reali fuq is-suq.

70 Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni tista' tiddeduċi, abbażi tal-provi ċċitati fil-punt preċedenti, li l-ksur kellu impatt reali fuq is-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, punt 68 iktar 'il fuq, punt 78, tas-27 ta' Settembru 2006, Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, T-59/02, punt 68 iktar 'il fuq, punt 165; Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, T-329/01, punt 68 iktar 'il fuq, punt 181; is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-14 ta' Diċembru 2006, Raiffeisen Zentralbank Österreich et vs Il-Kummissjoni, T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, Ġabra p. II-5169, punti 285 sa 287).

71 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-fajl jinkludi eżempji ta' nuqqas ta' osservanza tal-ftehim kollużivi, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li l-ftehim ma kinux dejjem ġew osservati mill-membri tal-akkordju mhuwiex suffiċjenti sabiex jiġi eskluż impatt fuq is-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, punt 65, iktar'il fuq, punt 148).

72 L-argumenti bbażati mir-rikorrenti fuq il-komportament tagħhom ma jistgħux jintlaqgħu. Fil-fatt, il-komportament effettiv li impriża tallega li kellha mhuwiex rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-impatt ta' akkordju fuq is-suq, għandhom biss jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti li jirriżultaw mill-ksur inġenerali (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Lulju 2003, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, T-224/00, Ġabra p. II-2597, punt 167). Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma tistax tiġi akkużata li kkonstatat, fil-premessa 303 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rapport inizjali ma kienx jippermetti li jiġu rribattuti l-konklużjonijiet tagħha dwar l-effetti reali tal-ksur fuq is-suq. Fil-fatt, l-analiżi ekonometrika inkluża fih tikkonċerna biss id-data ċifrata relattiva għar-rikorrenti.

73 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, dan il-motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

74 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li mhemmx lok li titqiegħed fid-dubju l-evalwazzjoni tal-ammont inizjali tal-multa stabbilita skont il-gravità, kif magħmula mill-Kummissjoni."

24 L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali mmotivat b'mod illoġiku u inadegwat is-sentenza appellata u wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni kienet awtorizzata, sabiex tistabbilixxi l-ammont inizjali tal-multa minħabba l-gravità tal-ksur, tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt tal-akkordju fuq is-suq rilevanti mingħajr ma tkun obbligata turi li l-ftehim kellhom realment tali impatt u, fi kwalunkwe każ, li tiddeduċi tali impatt minn sempliċi indikaturi. Barra minn hekk, billi ddeċidiet li l-Kummissjoni wriet biżżejjed skont il-liġi li l-ftehim kellhom impatt fuq is-suq, il-Qorti Ġenerali manifestament żnaturat il-fatti u l-provi ta' natura ekonomika li KME pprovditilha.

25 Il-Kummissjoni ssostni qabel xejn li l-ewwel aggravju huwa mingħajr effett. Fil-fatt, l-appellanti ma żviluppawx argument kontra l-punti 60 sa 65 tas-sentenza appellata li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma kienx neċessarju li jintwera l-effett konkret tal-ksur fuq is-suq, kemm jekk dan ikun għal dak li jikkonċerna t-trattament differenzjat tal-impriżi inkwistjoni jew il-gravità tal-ksur. Huma jattakkaw biss raġunament sussidjarju tal-Qorti Ġenerali li permezz tiegħu, fil-punti 67 *et seq*, din tqis li l-Kummissjoni kienet uriet skont il-liġi impatt reali tal-akkordju fuq is-suq ikkonċernat.

26 Il-Kummissjoni tirreleva li, fi kwalunkwe każ, l-ewwel aggravju huwa inammissibbli peress li huwa dwar l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi.

27 Sussegwentement hija ssostni li, skontha, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-provi b'mod korrett.

28 Fl-aħħar nett hija ssostni li l-Qorti Ġenerali mmotivat b'mod korrett is-sentenza appellata b'mod partikolari l-punt 72 tagħha, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti u l-provi mressqa mill-appellanti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

29 L-appellanti ma jikkontestawx il-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-klassifikazzjoni tal-ksur fost il-"ksur serju ħafna" fis-sens tal-Linji Gwida u lanqas id-differenza li ssir bejn l-impriżi, skont is-sehem li għandhom fuq is-suq ikkonċernat, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-piż speċifiku ta' kull impriża u għalhekk tal-effett reali tal-aġir illegali tagħha fuq il-kompetizzjoni. Huma jikkontestaw unikament il-konklużjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-impatt reali tal-akkordju bħala element meħud inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa.

30 Skont il-punt 1 A tal-Linji Gwida, l-evalwazzjoni tal-kriterju tal-gravità tal-ksur għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-impatt reali tagħha fuq is-suq biss meta dan ikun kalkolabbli.

31 Id-determinazzjoni tal-impatt reali ta' akkordju fuq is-suq jippresupponi fil-fatt li titqabbel is-sitwazzjoni tas-suq li tirriżulta mill-akkordju ma' dik li tirriżulta mill-kompetizzjoni libera. Tali tqabbil jimplika neċessarjament ir-rikors għal ipoteżijiet, minħabba l-ammont ta' varjabbli li jista' jkollhom impatt fuq is-suq.

32 Fil-premessa 300 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni enfasizzat l-impossibbiltà li jiġi ddeterminat il-mod kif il-prezzijiet evolvew, fin-nuqqas ta' akkordju, matul il-perijodu ta' iktar minn tnax-il sena li dam għaddej il-ksur. Wara li rrifjutat l-argumenti sostnuti mill-appellanti, hija pproduċiet indizji li ppermettewlha li tikkonkludi, fil-premessa 314 ta' din id-deċiżjoni, li s-sistema antikompetittiva pproduċiet,

globalment, effetti fuq is-suq, anki jekk huwa impossibbli li jiġu kkwantifikati b'mod preċiż.

33 Għalhekk mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma qisitx possibbli, għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa, li tieħu inkunsiderazzjoni dan l-element fakultattiv li huwa l-impatt reali tal-ksur fuq is-suq, peress li ma kienx kalkolabbli. Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata fis-sentenza appellata.

34 Il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punti 68 u 70 tas-sentenza appellata, il-ġurisprudenza relatata mal-eżiġenzi ta' prova tal-impatt reali ta' impriża fuq is-suq. Barra minn hekk, hija stħarrġet, fil-punti 69 u 71 sa 73 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni kienet uriet skont il-liġi impatt reali tal-akkordju fuq is-suq ikkonċernat. Madankollu, hija għamlet dan l-istħarriġ b'mod sussidjarju, kif indikat fil-punt 66 tal-imsemmija sentenza, u wara li fakkret korrettament, fil-punt 64 tagħha, li l-impatt reali tal-akkordji fuq is-suq ma kienx kriterju deċiżiv għad-determinazzjoni tal-livell tal-multi. Minn dan isegwi li l-aggravju intiż mill-appellanti kontra din il-parti tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali huwa ineffettiv.

35 Fi kwalunkwe każ, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jirrispondi għall-argument tar-rikorrenti, miġbur fl-aħħar sentenza tal-punt 38 tas-sentenza appellata, li jgħid li r-raġunament u l-konklużjoni li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata jikkonċernaw l-impatt reali tal-akkordju fuq is-suq huma żbaljati, mhux ikkorraborati u ta' natura kontradittorja. Il-Qorti Ġenerali sabet provi li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali impatt, iżda ma kkontestatx l-impossibbiltà li tkejjel dan l-impatt b'mod preċiż.

36 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma kkontradixxietx ruħha meta, minn naħa, fakkret il-prinċipju li l-impatt reali tal-ksur fuq is-suq ma huwiex kriterju deċiżiv għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi u, min-naħa l-oħra stħarrġet il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata relatata mal-eżistenza ta' tali impatt.

37 Konsegwentement, huwa żbaljat li l-appellanti jiddeduċu, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-ewwel aggravju, mill-istħarriġ li għamlet il-Qorti Ġenerali l-konsegwenza li l-impatt reali tal-ksur fuq is-suq kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont inizjali impost fuqhom. Dan l-argument huwa bbażat fuq premessa żbaljata.

38 Fir-rigward tal-kritika ta' żnaturament, mill-Qorti Ġenerali, tal-provi ekonomiċi li l-appellanti pproduċew quddiemha, ma huwiex allegat li l-Qorti Ġenerali interpretat ir-rapporti ekonomiċi fis-sens li jmur manifestament kontra l-formulazzjoni tagħhom (f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Activision Blizzard Germany (li kienet CD-Contact Data) vs Il-Kummissjoni, C-260/09 P, Ġabra p. I-419, punt 57) iżda pjuttost li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' evalwazzjoni tal-kontenut ta' dawn ir-rapporti. Fi kwalunkwe każ, l-appellanti ma jindikawx b'mod preċiż il-partijiet ta' dawn ir-rapporti li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat is-sens ċar u preċiż tagħhom. Minn dan isegwi li dan l-argument huwa inammissibbli.

39 Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul mill-bejgħ

L-argumenti tal-partijiet

40 It-tieni aggravju jikkonċerna l-punti 85 sa 94 tas-sentenza appellata. Dan jirreferi essenzjalment għall-punti 90 sa 94 tagħha, li huma fformulati kif ġej:

"90 Ir-rikorrenti jallegaw f'dan ir-rigward, minn naħa, li l-prezz tar-ram ma jaqax taħt il-kontroll tal-manufatturi tat-tubi industrijali minħabba li dan huwa

ffissat skont l-LME u, min-naħa l-oħra, li huma x-xerrejja tat-tubi industrijali li jiddeċiedu huma stess b'liema prezz il-metal huwa mixtri. Ir-rikorrenti jenfasizzaw ukoll li l-fluttwazzjonijiet tal-prezz tal-metall m'għandhom l-ebda effett fuq il-qligħ tagħhom.

91 Għalhekk għandu jkun ikkonstatat li ebda raġuni valida ma timponi li d-dħul mill-bejgħ ta' suq rilevanti jkun ikkalkolat billi jkunu esklużi ċerti spejjeż ta' manufattura. Kif ġustament irrilevat il-Kummissjoni, fis-setturi industrijali kollha jeżistu spejjeż inerenti għall-prodott finali li l-produttur ma jistax jikkontrolla, imma li jikkostitwixxu xorta waħda element essenzjali tal-attivitajiet kollha tiegħu u li, għaldaqstant, ma jistgħux ikunu eskluzi mid-dħul mill-bejgħ tiegħu meta jkun iffissat l-ammont inizjali tal-multa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR et vs Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, Ġabra p. II-491 punti 5030 u 5031). Il-fatt li l-prezz tar-ram jikkostitwixxi parti sinjifikanti mill-prezz finali tat-tubi industrijali jew li r-riskju ta' fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tar-ram huwa ħafna iżjed għoli milli għal materji primi oħra ma jannullax din il-konklużjoni.

92 Fl-aħħar nett, rigward id-diversi ilmenti tar-rikorrenti intiżi sabiex jaffermaw li, minflok wieħed jirrikorri għall-kriterju tad-dħul mill-bejgħ tas-suq rilevanti, ikun iktar opportun, fid-dawl tal-għan dissważiv tal-multi u tal-prinċpji ta' ugwaljanza fit-trattament, li l-ammont tagħhom jiġi ffissat skont il-qligħ tas-settur affettwat jew il-valur miżjud relatat magħhom, għandu jiġi kkonstatat li dawn mhumiex rilevanti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, qabel kollox, li l-gravità tal-ksur hija stabbilita b'riferiment għal numru ta' fatturi, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2007, BASF vs Il-Kummissjoni, T-101/05 u T-111/05, Ġabra p. II-4949, punt 65), peress li l-ebda lista vinkolanti jew eżawrjenti ta' kriterji li għandhom obbligatorjament jittieħdu inkunsiderazzjoni ma kienet ġiet stabbilta f'dan ir-rigward (sentenza Dalmine vs Il-Kummissjoni, punt 64 iktar 'il fuq, punt 129) mhijiex il-qorti Komunitarja, iżda l-Kummissjoni li għandha tagħżel, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha u skont il-limiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u mir-Regolament

Nru 17, il-fatturi u d-data ċċifrata li hija tieħu inkunsiderazzjoi sabiex timplementa politika li tassigura l-osservanza tal-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 81 KE.

93 Sussegwentement huwa inkontestabbli li d-dħul mill-bejgħ ta' impriża jew ta' suq huwa, inkwantu fattur tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, neċessarjament vag u imperfett. Ma ssirx distinzjoni la bejn is-setturi b'valur miżjud qawwi u s-setturi b'valur miżjud dgħajjef, u lanqas bejn l-impriżi li jrendu qligħ u dawk li jrendu inqas. Madankollu, minkejja n-natura approssimattiva tiegħu, d-dħul mill-bejgħ huwa meqjus, fil-preżent, kemm mil-leġiżlatur Komunitarju kif ukoll mill-Kummissjoni bħala kriterju adatt, fil-kunest tad-dritt tal-kompetizzjoni, sabiex jiġu evalwati d-daqs u s-setgħa ekonomika tal-impriżi kkonċernati (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Musique diffusion française et vs Il-Kummissjoni, punt 67 iktar 'il fuq, punt 121, l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, il-premessa 10 u l-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, p. 1)).

94 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni kienet korretta meta ħadet inkunsiderazzjoni l-prezz tar-ram sabiex tiddetermina d-daqs tas-suq ikkonċernat."

41 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt Komunitarju u mmotivat b'mod inadegwat is-sentenza appellata meta approvat ir-riferiment li tagħmel il-Kummissjoni, sabiex tevalwa d-daqs tas-suq affettwat mill-ksur għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-element ta' gravità tal-multa, għal valur tas-suq li jinkludi, b'mod żbaljat, id-dħul mill-bejgħ effettwat fi ħdan suq upstream distint mis-suq "tal-kartell", minkejja li l-membri tal-kartell ma humiex vertikalment integrati fis-suq upstream.

42 Huma jsostnu li l-industrija tal-ipproċessar tar-ram għandha karatteristiċi speċifiċi. B'mod partikolari, huwa l-klijent li jiddetermina l-mument tax-xiri tal-metall fuq il-London Metal Exchange, u għalhekk il-prezz tiegħu. Anki jekk dan il-prezz huwa ffatturat mill-produttur tal-pajpijiet lill-klijent bil-marġni tal-ipproċessar, li jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ tal-impriża jkun ifisser li r-realtà ekonomika tas-suq tkun interpretata b'mod ħażin, li huwa kkaratterizzat b'mod partikolari mill-parti importanti li tirrappreżenta l-materja prima fl-ispiża tal-prodott u l-varjazzjonijiet importanti ħafna tal-prezz ta' din il-materja prima. Dawn il-fatti ġew stabbiliti mill-Qorti Ġenerali.

43 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma kkunsidratx li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u tal-prattika deċiżjonali tagħha stess, li jgħidu li meta l-Kummissjoni tikkalkola l-ammont inizjali tal-multa u/jew meta tapplika l-limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ, hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tas-suq inkwistjoni.

44 Barra minn hekk, huma jsostnu li, billi ma ddistingwietx lill-appellanti minn impriżi oħra li d-dħul mill-bejgħ tagħhom ma kienx influwenzat ukoll mill-prezz tal-materja prima, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, li jimponi li sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod differenti.

45 Fl-aħħar nett l-appellanti jikkontestaw il-ġurisprudenza li serrħet fuqha l-Qorti Ġenerali, ibbażata fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni. Huma jqisu li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk il-kriterji użati mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-gravità tal-kartell kinux rilevanti u adegwati.

46 Il-Kummissjoni ssostni li, sa fejn l-appellanti jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel evalwazzjoni differenti minn dik tal-Qorti Ġenerali dwar in-natura unika jew le tas-settur tal-pajpijiet industrijali, l-aggravju huwa inammissibbli. Barra minn hekk hija tikkontesta l-fatti kif deskritti minn KME, jiġifieri li l-produtturi tal-pajpijiet jaġixxu

sikwit fi kwalità ta' aġenti ta' klijent fix-xiri tar-ram, u tikkontesta li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar dan is-suġġett.

47 Fi kwalunkwe każ, ġustament il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, li jeżistu fis-setturi industrijali spejjeż inerenti għall-prodott finali li l-produttur ma jistax jikkontrolla, iżda jikkostitwixxu madankollu element essenzjali tal-attivitajiet kollha u li, għaldaqstant, ma jistgħux jiġi esklużi mid-dħul mill-bejgħ tagħha fl-iffissar tal-ammont inizjali tal-multa.

48 Bl-istess mod, ġustament il-Qorti Ġenerali, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li, minkejja n-natura approssimattiva tiegħu, id-dħul mill-bejgħ huwa kkunsidrat, f'dan il-mument, kemm mil-leġiżlatur Komunitarju kif ukoll mill-Kummissjoni u mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala kriterju adegwat, fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni, sabiex jiġu evalwati d-daqs u s-saħħa ekonomika tal-impriżi kkonċernati.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

49 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex tiġi evalwata l-gravità ta' ksur, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni numru kbir ta' elementi li n-natura u l-importanza tagħhom tvarja skont it-tip ta' ksur u ċ-ċirkustanzi partikolari tal-ksur ikkonċernat. Fost dawn l-elementi jista' jkun hemm, skont il-każ, il-volum u l-valur tal-merkanzija li hija s-suġġett tal-ksur kif ukoll id-daqs u s-saħħa ekonomika tal-impriża u, għaldaqstant, l-influwenza li din setgħet teżerċita fuq is-suq (f'dan is-sens, is-sentenza Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 120).

50 Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li huwa permess, fid-determinazzjoni tal-multa, li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża, li jikkostitwixxi indikazzjoni tad-daqs tagħha u tas-saħħa ekonomika tagħha, kif ukoll il-parti minn din iċ-ċifra li toriġina mill-merkanzija suġġett tal-ksur u li għalhekk hija ta' natura li tindika l-portata tagħha, hija madankollu rrikonoxxiet li d-dħul mill-bejgħ globali ta' impriża jikkostitwixxi biss indikazzjoni approssimattiva u imperfetta tad-daqs ta' din tal-aħħar (sentenzi Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 121; tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 139; tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 243; tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, Ġabra p. I-4429, punt 100, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2009, Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, C-510/06 P, Ġabra p. I-1843, punt 74).

51 Barra minn hekk enfasizzat diversi drabi li ma għandhiex tingħata importanza sproporzjonata la lil waħda u lanqas lil oħra minn dawn iċ-ċifri meta mqabbla mal-elementi l-oħra ta' evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, punt 121; Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, punt 243; Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, punt 100, kif ukoll Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni, punt 74).

52 Għalhekk il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta fakkret fil-punt 93 tas-sentenza appellata, li d-dħul mill-bejgħ, minkejja li vag u imperfett, jibqa' kriterju adegwat għall-evalwazzjoni tad-daqs u s-saħħa ekonomika tal-impriżi kkonċernati.

53 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi lanqas meta ddeċidiet, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, li l-ebda raġuni valida ma timponi li d-dħul mill-bejgħ ta' suq rilevanti jiġi kkalkolat billi jiġu esklużi ċerti spejjeż ta' produzzjoni. Kif irrelevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 141 tal-konklużjonijiet tagħha, li ma jitteħidx inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ gross f'ċerti każijiet iżda li jiġi kkunsidrat f'każijiet

oħra jimponi li jiġi ddeterminat livell, f'forma ta' relazzjoni bejn id-dħul mill-bejgħ nett u d-dħul mill-bejgħ gross, li huwa diffiċli li jiġi applikat u jiftaħ il-bieb għal kawżi mingħajr tmiem u mingħajr soluzzjoni, inkluż allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni.

54 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali mmotivat is-sentenza appellata b'mod adegwat u għamlet l-istħarriġ li kellha tagħmel. Għalhekk, peress li l-appellanti kkontestaw l-użu tad-dħul mill-bejgħ għall-evalwazzjoni tad-daqs tas-suq ikkonċernat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq l-appellanti ma kienx neċessarjament ikun inqas minn EUR 35 miljun kieku l-prezz tar-ram kien ġie mnaqqas mid-dħul mill-bejgħ tas-suq. Sussegwentement, hija vverifikat, fil-punti 90 u 91 tas-sentenza appellata, jekk huwiex bi żball li l-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tad-daqs tas-suq, ħadet inkunsiderazzjoni l-prezz tar-ram.

55 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għamlet l-istħarriġ li kellha tagħmel, li rrispondiet għall-motiv invokat mir-rikorrenti u li ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punt 94 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun li tieħu inkunsiderazzjoni l-prezz tar-ram għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-daqs tas-suq ikkonċernat.

56 Fir-rigward tal-kritika li tgħid li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk il-kriterji użati mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-gravità tal-kartell kinux rilevanti u adegwati, għandu jitfakkar li, f'rikors intiż kontra deċiżjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, huwa r-rikorrent li għandu jifformula l-motivi f'dan ir-rigward u ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tistħarreġ *ex officio* l-evalwazzjoni tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-ammont tal-multa.

57 Għaldaqstant it-tieni aggravju huwa infondat.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi relatati mat-teħid inkunsiderazzjoni tat-tul tal-ksur

L-argumenti tal-partijiet

58 L-appellanti jindikaw li t-tielet aggravju jirreferi għall-punti 100 sa 105 tas-sentenza appellata. Huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt Komunitarju u mmotivat b'mod konfuż, illoġiku u inadegwat din is-sentenza, filwaqt li kkonfermat il-parti tad-deċiżjoni kkontestata fejn il-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat il-Linji Gwida u kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament billi imponiet il-perċentwali massimu ta' żieda tal-ammont inizjali tal-multa minħabba t-tul tal-ksur.

59 Skont l-appellanti, mill-punt 1 B tal-Linji Gwida jirriżulta "li l-għan taż-żieda tal-multa minħabba t-tul tal-ksur huwa li jiġu mposti sanzjonijiet effettivi fuq restrizzjonijiet li kellhom impatt negattiv [dannuż] fuq konsumaturi għal perijodu twil". Ir-rabta li għandha teżisti bejn it-tul tal-ksur u l-effett dannuż tiegħu tirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza. Issa, il-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk il-Kummissjoni, meta evalwat il-gravità tal-ksur, realment tatx l-importanza li kellha tagħti għall-fatt li l-intensità u l-effettività tal-kartell varjaw matul iż-żmien. Għalhekk, huwa b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 104 tas-sentenza appellata, li ż-żieda ta' 125 % tal-ammont inizjali tal-multa ma hijiex manifestament sproporzjonata.

60 Il-Kummissjoni tosserva li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex kompetenza sabiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-ammont tal-multa għal dik tal-Qorti Ġenerali. Għalhekk l-aggravju huwa inammissibbli.

61 Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali pprovdiet spjegazzjoni ċara u loġika tal-evalwazzjoni tagħha, li tirrispondi għall-motivi ta' liġi invokati minn KME.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

62 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom l-appellanti jikkontestaw kemm il-prinċipju ta' żieda tal-multa sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur u r-riżultat tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju sa fejn jikkonċernahom, jiġifieri ż-żieda tal-ammont bażiku tal-multa, stabbilta għal EUR 35 miljun, b'125 % sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur ta' 12-il sena u għaxar xhur, fejn kull sena ta' parteċipazzjoni tikkorrispondi għal 10 % żieda. Għalhekk l-ammont bażiku tela' għal EUR 56.88 miljun.

63 Kif irrelevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 162 tal-konklużjonijiet tagħha, il-kritika tar-riżultat hija bbażata fuq il-premessa żbaljata li r-rata ta' żieda kienet ta' 125 %, meta din kienet biss ta' 62.51 % (56.88/35 = 1.6251).

64 Fir-rigward tal-prinċipju taż-żieda tal-multa sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur, ma huwiex neċessarju li tiġi stabbilita effettivament relazzjoni diretta bejn dan it-tul u dannu akkumulat ikkawżat lill-għanijiet Komunitarji intiżi mir-regoli tal-kompetizzjoni.

65 Fil-fatt, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti konkreti ta' ftehim huwa irrilevanti minn meta jkun jidher li għandu l-għan li jillimita, ifixkel jew joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenza

tat-13 ta' Lulju 1966, Consten u Grundig vs Il-Kummissjoni, 56 u 58/64, Ġabra p. 429). B'mod partikolari, hekk hija s-sitwazzjoni, bħal f'dan il-każ, tal-ftehim li jinkludu restrizzjonijiet evidenti tal-kompetizzjoni bħall-iffissar tal-prezzijiet u t-tqassim tas-suq. Jekk akkordju jiffissa l-istat tas-suq fil-mument meta jiġi konkluż, it-tul tiegħu jista' jrendi riġidi l-istrutturi, u jnaqqas il-ħeġġa għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp tal-parteċipanti għall-akkordju. Ir-ritorn għall-istat ħieles ta' kompetizzjoni jkun għalhekk diffiċli u twil skont kemm kien dam l-akkordju nnifsu.

66 Anki jekk l-intensità u l-effettività tal-kartell ivarjaw fiż-żmien, xorta jibqa' l-fatt li l-imsemmi kartell ikompli jeżisti u, għaldaqstant, ikompli jirriġidixxi l-istrutturi tas-suq.

67 Għall-ipoteżi ta' nuqqas totali tal-implementazzjoni ta' ftehim, għandu jitfakkar li l-punt 3 tal-Linji Gwida jipprovdi li n-nuqqas ta' applikazzjoni effettiva tal-ftehim jew tal-prattiki li jikkostitwixxu ksur jista' jikkostitwixxi ċirkustanza attenwanti li twassal għal tnaqqis tal-ammont bażiku tal-multa. Madankollu ma jidhirx li dan kien il-każ fiċ-ċirkustanzi preżenti, peress li r-rikorrenti kkontestaw mhux l-implementazzjoni tal-akkordju sa fejn jikkonċernahom, iżda unikament in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-intensità varjabbli ta' din l-implementazzjoni u l-impatt reali u oġġettiv tal-akkordju fuq il-konsumaturi.

68 Barra minn hekk, jista' jkun diffiċli li jiġi kkwantifikat dannu reali għall-konsumatur, fid-dawl tal-għadd kbir ta' fatturi varjabbli possibbli, b'mod partikolari fil-formazzjoni tal-prezzijiet ta' prodott immanifatturat.

69 Fi kwalunkwe każ, it-tul tal-ksur huwa msemmi mil-leġiżlatur bħala element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni bħala tali sabiex jiġi stabbilit l-ammont tal-multi.

70 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, kellha raġun il-Qorti Ġenerali, fil-punt 105 tas-sentenza appellata, li tiċħad bħala infondat il-motiv dwar iż-żieda tal-ammont tal-multa skont it-tul tal-akkordju.

71 Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li t-tielet aggravju huwa infondat.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kooperazzjoni tal-appellanti

L-argumenti tal-partijiet

72 L-appellanti jindikaw li r-raba' aggravju tagħhom huwa dwar il-punti 123 sa 134 tas-sentenza appellata. Huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt Komunitarju meta kkonfermat il-parti tad-deċiżjoni kkontestata fejn il-Kummissjoni rrifjutatilhom il-benefiċċju ta' tnaqqis tal-multa minħabba l-kooperazzjoni tagħhom barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni, u dan bi ksur tas-sitt inċiż tal-punt 3 tal-Linji Gwida kif ukoll tal-prinċipji ta' ekwità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

73 Skont l-appellanti, huma biss kellhom jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-multa, minħabba li kienu pproduċew prova tat-tul tal-ksur, kuntrarjament għal Outokumpu, li kienet ipproduċiet biss informazzjoni dwar it-tul totali tal-kartell.

74 Il-Kummissjoni ssostni li, sa fejn KME tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Qorti Ġenerali, l-aggravju huwa inammissibbli.

75 Barra minn hekk, l-aggravju huwa infondat. Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali pprovdiet spjegazzjoni ċara u loġika tal-evalwazzjoni tagħha tal-każijiet fejn tista' tingħata immunità parzjali, b'risposta għall-argumenti kollha ta' liġi mressqa minn KME.

76 Fir-rigward tal-għoti ta' tnaqqis tal-multa ta' Outokumpu, il-Kummissjoni tosserva li l-informazzjoni kkomunikata minn din ippermettitilha li tinvestiga u tfittex il-provi. L-appellanti ffaċilitaw dan ix-xogħol billi pproduċew provi, iktar minn sittax-il xahar wara Outokumpu, iżda xejn iktar. Kuntrarjament għal dak li jagħtu x'jifhmu l-appellanti fl-appell tagħhom, huma ma bbenefikaw lanqas minn immunità parzjali skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżi dwar l-akkordji, peress li tali immunità hija relatata ma' provi ta' "fatti li qabel kienu ġew injorati mill-Kummissjoni", li ma kienx il-każ tat-tul totali tal-kartell.

77 Fl-aħħar nett il-Kummissjoni tenfasizza li l-applikazzjoni ta' immunità parzjali fl-ipoteżi invokata mill-appellanti tmur kontra t-Titolu D tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni li tipprovdi diġà tnaqqis tal-multa meta l-impriża tipprovdi lill-Kummissjoni xi informazzjoni, dokumenti jew provi oħra li jikkontribwixxu sabiex tiġi kkonfermata l-eżistenza tal-ksur imwettaq.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

78 Għandu jitfakkar li, skont il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni, tibbenefika minn nuqqas ta' impożizzjoni ta' multa jew ta' tnaqqis sostanzjali mill-ammont tagħha dik l-impriża biss li tkun l-ewwel waħda li tipprovdi provi determinanti għall-prova tal-eżistenza tal-akkordju.

79 Huwa fil-punti 144 u 145 tas-sentenza appellata li l-Qorti Ġenerali eżaminat iċ-ċirkustanzi tal-kooperazzjoni tal-appellanti u dik ta' Outokumpu. Madankollu dawn huwa osservazzjonijiet u evalwazzjonijiet ta' fatt li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tistħarreġ fil-kuntest ta' appell.

80 Barra minn hekk, fid-dawl tal-konstatazzjoni li tgħid li tali kooperazzjoni tal-appellanti ġiet wara dik ta' Outokumpu, kellha raġun il-Qorti Ġenerali tikkonkludi, fil-punt 147 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kinux f'sitwazzjoni komparabbli għal dik ta' Outokumpu u, konsegwentement, ma kinux ġew diskriminati.

81 Fl-aħħar nett, l-appellanti ma jindikawx kif il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-raġunament żviluppat fil-punti 130 u 131 tas-sentenza appellata u, b'mod partikolari, ma jispjegawx kif il-produzzjoni ta' provi li l-Kummissjoni kienet diġà taf bihom tiġġustifika iktar it-tnaqqis tal-multa għal ċirkustanzi attenwanti milli l-produzzjoni preċedenti ta' informazzjoni ġdida għall-Kummissjoni. Minn dan isegwi li dan l-argument huwa inammissibbli peress li huwa wisq impreċiż.

82 Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li r-raba' aggravju huwa pazjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv

L-argumenti tal-partijiet

83 L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret id-dritt Komunitarju u d-dritt fundamentali tagħhom għal rimedju ġudizzjarju effettiv u mingħajr ostakoli, sa fejn ma eżaminatx b'attenzjoni u kura l-argumenti tagħhom u straħet b'mod eċċessiv u mhux raġonevoli fuq is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni.

84 Huma jsostnu li d-duttrina tal-"marġni ta' diskrezzjoni" u s-"sottomissjoni ġudizzjarja" ma għadx għandhom jiġu applikati issa, peress li d-dritt Komunitarju issa huwa kkaratterizzat bl-ammont enormi ta' multi imposti mill-Kummissjoni, żvilupp li huwa spiss imsejjaħ il-"penalizzazzjoni" *de facto* tad-dritt Ewropew tal-kompetizzjoni.

85 Barra minn hekk, l-applikabbiltà diretta tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 81(3) KE introdotta bir-Regolament Nru 1/2003, bħala sostitut tas-sistema preċedenti ta' awtorizzazzjoni, teskludi, b'definizzjoni, il-marġni ta' diskrezzjoni kollu tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u għalhekk timponi biss grad imnaqqas ħafna ta' sottomissjoni ġudizzjarja mill-qrati li jistħarrġu l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli mill-Kummissjoni fil-każ ta' individwi.

86 L-appellanti jsostnu wkoll li l-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni ma għandux jiġi ġġustifikat bl-allegata kompetenza ikbar tal-Kummissjoni sabiex tevalwa l-fatti kumplessi jew kwistjonijiet ekonomiċi. Huma jirrelevaw f'dan ir-rigward li kemm il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-Qorti Ġenerali għamlu b'suċċess stħarriġ ġuridiku partikolarment intens tal-każijiet kumplessi.

87 Bl-istess mod, fid-dawl tal-ġurisdizzjoni sħiħa mogħtija lill-Qorti Ġenerali mill-Artikolu 229 KE u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Qorti Ġenerali ma għandha tirrikonoxxi lill-Kummissjoni l-ebda marġni ta' diskrezzjoni, mhux biss f'dak li jikkonċerna n-natura xierqa u proporzjonata tal-multa, iżda wkoll għall-metodu ta' xogħol adottat mill-Kummissjoni sabiex tagħmel il-kalkoli tagħha. Skont ir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali għandha teżamina kif, f'kull każ partikolari, il-Kummissjoni evalwat il-gravità u t-tul ta' aġir illegali u għalhekk tista' tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni billi tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa.

88 L-appellanti jfakkru wkoll li, għall-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-implementazzjoni tad-dritt amministrattiv permezz ta' deċiżjonijiet amministrattivi u multi ma tiksirx fiha nfisha l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Madankollu din għandha tkun irregolata b'garanziji proċedurali b'saħħithom biżżejjed, u miżjuda b'sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv, li tinkludi kompetenza sħiħa għall-istħarriġ ta' deċiżjonijiet amministrattivi. Id-dritt għal "rimedju effettiv quddiem qorti" ġie inkluż ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

89 Il-Kummissjoni ssostni l-ewwel nett li l-ħames aggravju huwa wisq ġeneriku u impreċiż sabiex jiġi eżaminat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija ssostni wkoll li KME ma tikkontestax l-istruttura fundamentali tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u ma tforni l-ebda element li jispjega kif ir-riferiment tal-Qorti Ġenerali għall-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni jipprova li l-Qorti Ġenerali ma stħarrġitx b'mod adegwat il-legalità tad-deċiżjoni inkwistjoni fid-dawl tat-tieni u r-raba' aggravji invokati minn KME quddiem il-Qorti Ġenerali.

90 Fl-aħħar nett, skont il-Kummissjoni, KME tillimita ruħha għal allużjoni għall-"akkużi kriminali" u għall-Artikolu 6(1) tal-KEDB, iżda ma teżaminax il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu minnhom.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

91 Permezz tal-ħames aggravju tagħhom l-appellanti jikkontestaw kemm il-mod kif il-Qorti Ġenerali ddikjarat li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa tal-Kummissjoni u l-mod kif effettivament stħarriġet id-deċiżjoni kkontestata. Huma jinvokaw l-Artikolu 6 tal-KEDB kif ukoll il-Karta, mingħajr madankollu ma stabbilixxew b'mod preċiż jekk jikkontestawx f'dan ir-rigward il-prinċipji tal-istħarriġ ġudizzjarju jew il-mod kif il-Qorti Ġenerali eżerċitat dan l-istħarriġ f'dan il-każ.

92 Il-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li llum huwa espress fl-Artikolu 47 tal-Karta (ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09, Ġabra p. I-13894, punti 30 u 31; digriet tal-1 ta' Marzu 2011, Chartry, C-457/09, Ġabra p. I-819, punt 25, kif ukoll is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Samba Diouf, C-69/10, Ġabra p. I-7151, punt 49).

93 L-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet ġie rregolat mit-trattati fundaturi. Minbarra l-istħarriġ tal-legalità, previst attwalment fl-Artikolu 263 TFUE, ġie previst stħarriġ ta' ġurisdizzjoni sħiħa għal dak li jikkonċerna s-sanzjonijiet previsti minn regolamenti.

94 Fir-rigward tal-istħarriġ tal-legalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għalkemm fil-każijiet li jwasslu għal evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku, dan ma jimplikax li l-qorti tal-Unjoni għandha tonqos milli tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni, ta' data ta' natura ekonomika. Fil-fatt, il-qorti tal-Unjoni għandha b'mod partikolari tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom (ara s-sentenzi tal-15 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs Tetra Laval, C-12/03 P, Ġabra

p. I-987, punt 39, kif ukoll tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lensing, C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punti 56 u 57).

95 Għal dak li jikkonċerna s-sanzjoni tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 jipprovdi li, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, minbarra l-gravità tal-ksur, it-tul tiegħu.

96 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur u tal-elementi kollha ta' natura tali li jistgħu jidħlu fl-evalwazzjoni tal-gravità tagħhom, bħall-aġir ta' kull waħda mill-impriżi, ir-rwol li kellha kull waħda minnhom fl-istabbiliment tal-prattiki miftiehma, il-profitt li ħadu minn dawn il-prattiki, id-daqs tagħhom u l-valur tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll ir-riskju li l-ksur ta' dan it-tip jirrappreżenta għall-Komunità Ewropea (sentenzi Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 129; Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 242, kif ukoll tat-3 ta' Settembru 2009, Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni, C-534/07 P, Ġabra p. I-7415, punt 96).

97 Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi oġġettivi bħall-kontenut u t-tul tal-aġir antikompetittiv, in-numru u l-intensità tagħhom, l-estensjoni tas-suq affettwat u d-deterjorazzjoni subita mill-ordni pubbliku ekonomiku. L-analiżi għandha wkoll tieħu inkunsiderazzjoni l-importanza relativa u s-sehem tas-suq tal-impriżi responsabbli kif ukoll eventwali reċidiva (sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 91).

98 Dan in-numru kbir ta' elementi jimponi fuq il-Kummissjoni eżami fil-fond taċ-ċirkustanzi tal-ksur.

99 Fl-interess tat-trasparenza, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida, fejn indikat fuq liema bażi se tikkunsidra tali jew tali ċirkustanza tal-ksur u l-konsegwenzi li jistgħu jinsiltu minnhom fuq l-ammont tal-multa.

100 Il-Linji Gwida, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jistabbilixxu regola ta' kondotta indikattiva tal-prattika li għandha tiġi adottata u li l-amministrazzjoni ma tistax taħrab minnhom, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (sentenza Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91), sempliċement jiddeskrivu l-metodu ta' eżami tal-ksur li ssegwi l-Kummissjoni u l-kriterji li din tobbliga ruħha li tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tiffissa l-ammont tal-multa.

101 Huwa importanti li jitfakkar l-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti Komunitarji. F'dan il-każ, dan l-obbligu jerġa' għandu importanza partikolari. Hija l-Kummissjoni li għandha timmotiva d-deċiżjoni tagħha u, b'mod partikolari li tispjega r-riflessjoni u l-evalwazzjoni li tkun għamlet tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 87). Il-preżenza ta' motivazzjoni għandha tiġi vverifikata *ex officio* mill-qorti.

102 Barra minn hekk, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tagħmel l-istħarriġ tal-legalità abbażi tal-provi mressqa mir-rikorrent insostenn tal-motivi invokati. Waqt dan l-istħarriġ, il-qorti ma tistax tistrieħ fuq il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni la f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-Linji Gwida u lanqas f'dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi sabiex tirrinunzja li teżerċita stħarriġ fil-fond kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt.

103 L-istħarriġ ta' legalità huwa kkompletat mill-ġurisdizzjoni sħiħa li kienet rikonoxxuta lill-qorti tal-Unjoni mill-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 17 u li issa hija rikonoxxuta mill-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, skont l-Artikolu 261 TFUE. Din il-kompetenza tagħti s-setgħa lill-qorti, apparti mis-sempliċi stħarriġ ta' legalità tas-sanzjoni, li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni, u konsegwentement, li tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-penalità imposta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 692).

104 Għaldaqstant huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio* u għandu jitfakkar li l-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni ssegwi l-prinċipju tal-kontradittorju. Bl-eċċezzjoni tal-motivi ta' ordni pubbliku li l-qorti għandha tqajjem *ex officio*, tali nuqqas ta' motivazzjoni huwa r-rikorrent li għandu jqajmu kontra d-deċiżjoni kkontestata u għandu jipproduċi l-provi insostenn tal-motivi tiegħu.

105 Din l-eżiġenza ta' natura proċedurali ma tmurx kontra r-regola li tgħid li, fir-rigward tal-ksur tal-regoli tal-kompetizzjoni, hija l-Kummissjoni li għandha tagħti l-provi tal-ksur li hija tikkonstata u li għandha tistabbilixxi l-provi tagħha sabiex turi, skont il-liġi, l-eżistenza ta' fatti li jikkostitwixxu ksur. Dak li fil-fatt huwa mitlub minn rikorrent fil-kuntest ta' rikors ġuridiku, huwa li jiġu identifikati l-elementi kkontestati tad-deċiżjoni kkontestata, li jifformula lmenti f'dan ir-rigward u li jipproduċi provi, li jistgħu jkunu indizji serji li juru li l-ilmenti tiegħu huma fondati.

106 L-istħarriġ previst mit-trattati jimplika għalhekk li l-qorti tal-Unjoni teżerċita stħarriġ kemm ta' dritt kif ukoll ta' fatt u li għandha s-setgħa li tevalwa l-provi, li tannulla d-deċiżjoni kkontestata u li temenda l-ammont tal-multi. Għalhekk ma jidhirx li l-istħarriġ ta' legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, ikkompletat bil-ġurisdizzjoni sħiħa

fir-rigward tal-ammont tal-multa, previst fl-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, huwa kuntrarju għall-eżiġenzi tal-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva li jinsab fl-Artikolu 47 tal-Karta.

107 Minn dan isegwi li, f'dak li jikkonċerna r-regoli tal-istħarriġ ġuridiku fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġuridika effettiva, il-ħames aggravju huwa infondat.

108 Sa fejn jikkonċerna l-mod kif il-Qorti Ġenerali għamlet l-istħarriġ tad-deċiżjoni kkontestata, il-ħames aggravju huwa magħqud mat-tieni sar-raba' aggravji tal-appell u għalhekk diġà ġie eżaminat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

109 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrelevat li, anki jekk, diversi drabi, b'mod partikolari fil-punti 35 sa 37, 92, 103, 115, 118, 129 u 141 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rreferiet għas-"setgħa diskrezzjonali", għall-"marġni ta' diskrezzjoni sostanzjali" u għall-"marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa" tal-Kummissjoni, tali riferimenti ma fixklux lill-Qorti Ġenerali milli teżerċita l-istħarriġ sħiħ, fil-liġi u fil-fatt, kif għandha tagħmel.

110 Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li l-ħames aggravju huwa infondat.

111 Konsegwentement, l-ebda wieħed mill-aggravji invokati minn KME insostenn tal-appell tagħha ma jista' jintlaqa' u, għaldaqstant, għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

112 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 tal-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li KME tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) KME Germany AG, KME France SAS u KME Italy SpA huma kkundannati għall-ispejjeż.

Firem